# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 23 ta’ Ġunju 2025**

**Numru: 32**

**Rikors numru: 17/2021/1 GM**

**Reuben Zammit Saliba Toledo f’ismu proprju u għan-nom tal-minuri bintu Hope Zammit Salib Toledo u b’digriet tal-14 ta’ Frar 2022 l-isem “Hope Zammit Salib Toledo” għandu jaqra “Hope Zammit Saliba Toledo”**

**v.**

**Avukat tal-Istat u b’digriet tat-3 ta’ Mejju 2022 ġiet kjamata fil-kawża mart ir-rikorrent Glorianne Zammit Saliba Toledo**

Dan huwa appell wara sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha fejn l-appellant ilmenta minn vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-

familja, meta mingħajr ma ġie notifikat, il-Qorti tal-Familja, b’digriet issospendiet l-aċċess tiegħu għal bintu minorenni. Permezz tas-sentenza tagħha tas-26 ta’ Settembru 2023 l-Ewwel Qorti ddikjarat illi l-proċeduri odjerni bħala frivoli u vessatorji, u għalhekk għaddiet biex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti. Fl-istess ġurnata ngħatat ukoll sentenza oħra fl-atti tar-rikors promotur bin-numru 18/2021 fl-ismijiet ***Reuben Zammit Saliba Toledo vs Avukat tal-Istat et*** mill-Ewwel Qorti kif preseduta, liema rikors kien qiegħed jinstema’ kontestwalment mal-proċeduri odjerni.

**Preliminari:**

**A. Fatti**

1. Il-partijiet intavolaw proċeduri ta’ separazzjoni personali quddiem il-Qorti tal-Familja u huma wkoll il-ġenituri tal-minuri Hope Zammit Saliba Toledo, li fi żmien li kienu intavolati l-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja, kienet għadha ta’ età relattivament tenera.

2. L-appellant ingħata aċċess versu bintu kif segwenti u ċjoè: kull nhar ta' Tlieta, Ħamis, Sibt u Ħadd bejn l-4:00 pm u s-7:00 pm.

3. Jirriżulta illi fl-20 ta’ Novembru 2019 l-appellata Glorianne Zammit Saliba Toledo ppreżentat rikors fejn allegat illi l-missier kien qiegħed

kapriċċjozament jivvittimizzaha billi wara l-ħin tal-aċċess huwa mar bil-minuri Hope fl-Għassa tal-Pulizija minflok id-dar tal-omm f'iktar minn okkażjoni waħda . Fid-dawl ta' dan l-appellata talbet lill-Qorti tal-Familja sabiex ikun hemm ordni ċara illi l-missier, u ċjoè l-appellant għandu jiġbor u jirritorna lill-minuri fir-residenza tal-omm qabel u wara l-ħin tal-aċċess.

4. Jidher illi sas-seduta tat-23 ta' Jannar 2020 l-appellant ma kienx għadu notifikat bir-rikors tal-20 ta'Novembru 2019, u proprju waqt l-udjenza tat-23 ta' Jannar 2020, li għaliha ma kienx preżenti l-appellant, il-Qorti tal-Familja ddeċidiet *di sua sponte* u mingħajr ebda talba f'dan is-sens, li tissospendi l-aċċess tal-missier mal-minuri.

5. Jidher ukoll illi l-appellant naqas milli jattendi għal żewġ udjenzi konsekuttivi u ċjoè dik tal-23 ta' Jannar 2020 u dik preċedenti tat-8 ta' Novembru 2019.

6. Din l-informazzjoni kienet komunikata lil missier permezz ta' SMS mibgħut mill-omm.

7. Dakinhar stess tat-23 ta' Jannar 2020, l-appellant ippreżenta rikors fejn talab lill-Qorti tirrevoka *contrario imperio* dak id-digriet.

8. Il-Qorti rriżervat li tipprovdi fuq ir-rikors tal-appellant u r-risposta relattiva għal dak ir-rikors fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2020, fejn permezz ta' digriet kamerali l-aċċess tal-missier versu l-minuri reġa' ġie restawrat, bil-kundizzjonijiet imposti mill-omm, u ċjoè illi jiġbor u jwassal lura lill-minuri r-residenza tal-omm.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

9. Illi permezz ta' rikors intavolat nhar l-14 ta' Jannar 2021, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), ir-rikorrenti talab dikjarazzjoni illi bid-digriet tat-23 ta' Jannar 2020, il-Qorti tal-Familja illediet id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti hekk kif sanċiti fl-Artikolu 6 u fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, meta mingħajr ma kien notifikat bit-talba ta' martu, il-Qorti ħadet deċiżjoni li ppreġudikat id-drittijiet tiegħu hekk kif protetti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 32(ċ) tal-Kostituzzjoni. Ulterjorment ir-rikorrenti talab lill-Ewwel Qorti tgħaddi biex tillikwida danni u tordna kumpens xieraq għal tali leżjonijiet.

10. Kif diġà aċċennat jirriżulta mill-atti illi kontestwalment ma' dan ir-rikors promotur, ir-rikorrent intavola wkoll rikors promotur ieħor bir-referenza 18/2021 fl-ismijiet ***Reuben Zammit Saliba Toledo vs Avukat tal-Istat***, u ċjoè f'isem ir-rikorrent waħdu, b'dana illi l-fatti, premessi u

sottomissjonijiet kollha preżentati japplikaw fit-tnejn għaliex huma intrinsikament relatati.

11. Permezz ta' risposta datata 23 ta' Frar 2021, l-intimat Avukat tal-Istat laqa' għal dak mitlub billi eċċepixxa illi ma jeżisti l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Ġie sottolineat ukoll illi r-rikorrenti qiegħed jinqeda bi proceduri straordinarji sabiex iwaqqaf jew konvenjentement itawwal il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Familja bl-għajta li għax l-Imħallef ma taħx żmien iwieġeb, inkisirlu d-dritt għal smigħ xieraq u li d-deċiżjoni tal-Qorti hija waħda *ultra petita*. Iżid illi l-Qorti m'għandhiex tindaħal bejn il-basla u qoxritha għaliex dmirha huwa li tixtarr każijiet li verament jirrigwardaw kwistjonijiet serji u mhux pika bejn koppja u kwistjonijiet li jxaqilbu serjament lejn il-frivolu u vessatorju, speċjalment meta l-Qorti tal-Familja fl-ebda mument ma waqqfet lir-rikorrenti milli jippreżenta rikorsi jew dokumenti oħra.

12. B'sentenza datata 26 ta' Settembru 2023, l-Ewwel Qorti sostniet illi kien il-missier li ġab is-sitwazzjoni li sab ruħu fiha b'idejh meta huwa għażel illi ma jattendix għall-udjenza quddiem il-Qorti tal-Familja. Żiedet illi: *"din il-kawża hija waħda altament frivola u vessatorja. Kawżi bħal dawn m'għandhomx isiru. Proċeduri kostituzzjonali huma eċċeżżjonali u għandhom jintużaw bil-għaqal meta tassew ikun hemm bżonnhom. Dan l-aħħar saret mod li kull min ifettilu jiftaħ kawża kostituzzjonali b'detriment*

*għal kawżi li jkunu tassew meritevoli.”* Għalhekk l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż a karigu tal-istess rikorrenti.

**C. L-Appell:**

13. L-appellant ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u intavola appell nhar is-16 ta’ Ottubru 2023, fejn talab lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata tas-26 ta’ Settembru 2023 u ssib li l-attur kien imċaħħad mid-drittijiet fondamentali tiegħu protetti mill-Artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan skont it-talbiet magħmulin minnu fir-rikors promotur quddiem l-Ewwel Qorti u li jingħata r-rimedji li huwa kien talab f’dak ir-rikors salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huwa xieraq u opportun.

14. L-Avukat tal-Istat, wieġeb għall-appell permezz ta’ risposta datata 4 ta’ Diċembru 2023, u afferma illi s-sentenza appellata hija waħda ġusta u korretta u timmerita illi tiġi kkonfermata. Żied illi ġaladarba l-Ewwel Qorti ddikjarat illi l-kawża hija frivola u vessatorja, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta’ Malta, minn tali sentenza ma seta’ jsir l-ebda appell. Għalhekk l-appell odjern huwa null u inammissibbli. Fil-mertu jsostni illi l-aggravji huma infondati fil-fatt u fid-dritt, b’dana illi kuntrarjament għal dak rilevat mill-appellant, l-Ewwel Qorti tat sfond pjuttost dettaljat tal-fatti. Żied illi l-Qorti tal-Familja fid-diskrezzjoni għaqlija tagħha, tagħmel mezz illi tieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa għaliex hija marbuta kemm bil-liġi kif ukoll

moralment li tħares b'mod riġoruż l-aħjar interess tal-minuri. Sostna wkoll illi fil-verità l-appellant għandu l-obbligu li jmur u jwassal lura lill-minuri u li l-pożizzjoni li ħadet il-Qorti tal-Familja ma kinitx *in vacuo* iżda fl-isfond ta' dak li kien qiegħed ripetutament jiġri bejn il-partijiet. Żied ukoll illi l-appellant ma ressaq l-ebda aggravju dirett lejn il-fatt li l-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat fir-rigward l-Artikolu 6 u 8 tal-Konvenzjoni, u l-Artikoli 39 u 32 (ċ) tal-Kostituzzjoni. Dan għalhekk għandu jinftiehem bħallikieku l-appellant mhux qed jappella mill-fatt li l-Ewwel Qorti laqgħet dawn l-eċċezzjonijiet tar-rikorrenti u għalhekk għandu jirriżulta li ma tressaqx appella kontra din il-parti tas-sentenza. Konsegwentement din il-Qorti għalhekk ma tistax tidhol fi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-mertu u teżamina r-responsabbiltà *o meno* tal-Avukat tal-Istat fir-rigward tal-imsemmija artikoli.

15. Il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex l-ewwel tindirzza l-preġudizzjali avvanzata mill-appellat Avukat tal-Istat fir-rigward in-nullità u l-irritwalità tal-appell odjern, *a tenur* tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(5) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li l-Ewwel Qorti ddikjarat l-proċedura intavolata mill-appellant bħala frivola u vessatorja.

**Konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti**

> *"Il-preġudizzjali tal-irritwalita' u nullita' tal-appell wara dikjarazzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-proċeduri in prim istanza huwa frivoli u vessatorji."*

16. Ta' relevanza għall-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti huma l-osservazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fir-rikors numru 17/2021 deċiża nhar is-26 ta' Settembru 2023 u dak espressament indikat mill-istess. Minn eżami tas-sentenza appellata jirriżulta illi l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kostatazzjonijiet:

> *"Tassew li l-Qorti tal-Familja ddeċidiet mingħajr ma l-missier kien innotifikat bir-rikors ta' martu, u mingħajr ma martu għamlet talba għas-sospensjoni tal-aċċess. Dan iżda m'għamlitux b'xi traskuraġni, żball, jew biex tgħaffeġ ras il-missier. Għamlitu wara li qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ – appuntu n-nuqqas ta' notifika u l-assenza tal-missier minn żewġ seduti konsekuttivi – u fl-interess suprem tat-tarbija. Fejn ikunu nvoluti l-minorenni, l-interess tagħhom huwa suprem u l-Qorti tal-Familja, l-ewwel li tara hu l-interess tagħhom u mhux tal-ġenituri tagħhom.*
>
> *Il-Qorti tinnota li l-attur, minkejja l-assenza tiegħu, u minkejja li rnexxielu ma jiġix notifikat bir-rikors ta' martu, mill-ewwel sar jaf – u wieġeb - għad-digriet tal-Qorti. U li wieġeb mingħajr m'ammetta li naqas. Kif ukoll li jippretendi li meta jingħata l-aċċess, ma jiġborx it-tarbija u jeħodha lura għand ommha hu sempliċiment biex ma jagħmilx sforz u jaħli ftit ħin isuq.*
>
> *Il-Qorti ma tarax li l-Qorti tal-Familja żbaljat b'xi mod jew ieħor, u wisq inqas li kisret xi jedd fundamentali tal-missier jew ta' bintu. Is-sitwazzjoni ġabha l-missier b'idejh bl-assenza tiegħu mis-seduti quddiem il-Qorti: imputet sibi. Il-Qorti semgħatu u laqgħet it-talba tiegħu. Id-dewmien ta' sitt ġimgħat mhux xi ħaġa straordinarja, anke tenut kont li l-Qorti riedet tieħu konjizzjoni tar-risposta tal-omm. Għalhekk, il-missier messu jgħid: mea culpa.*
>
> ***Din il-Qorti tqis li din il-kawża hija waħda altament frivola <u>u</u> vessatorja. Kawżi bħal dawn m'għandhomx isiru. Proċeduri***

***kostituzzjonali huma eċċezzjonali u għandhom jintużaw bil-għaqal meta tassew ikun hemm bżonnhom. Dan l-aħħar saret moda li kull min ifettillu jiftaħ kawża "kostituzzjonali", b'detriment għal kawżi li jkunu tassew meritevoli." (Enfażi ta' din il-Qorti)***

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:***

17. L-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li:

*"(5) Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja."*

18. L-Artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta mbagħad jistipula illi:

*"(5) Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skont dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja."*

19. Id-diċitura taż-żewġ dispożizzjonijiet relattivi huma ċari. *In subiecta materia* filfatt, il-Professur Ġ Mifsud Bonnici fil-pubblikazzjoni tiegħu:

*"Constitutional Procedure relative to Fundamental Rights and Freedoms"* jikteb illi meta l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ssib illi proċeduri huma frivoli jew vessatorji:

*"When the FH (First Hall) reaches such a conclusion the matter stops there. From such a finding no appeal is allowed as article 46(5) clearly enjoins. In view of this finality there is no doubt that the FH should exercise this faculty with the utmost grave circumspection."*

20. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmen Micallef v. Prim'Ministru et***[1] ġie osservat illi:

[1] Kost., 24/10/2005)

*"l-intenzjoni tal-legislatur, meta fassal is-subartikoli (5) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319, kienet proprju li meta l-Prim Awla tiddikjara li xi talba jew xi kwistjoni li tkun tqanqlet kienet "sempliċement frivola jew vessatorja", id-dritt ta' appell minn dik id-deċiżjoni ma jibqax jeżisti. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa diversi sentenzi li jitrattaw dawn is-subartikoli – 46(5) u 4(5)… u minnhom jemerġi ċar il-prinċipju li bħala regola, u sakemm ma jkunx hemm x'jindika b'mod impellenti li għandu jsir il-kuntrarju, id-deċiżjoni tal-Prim Awla li talba miġjuba quddiemha jew kwistjoni li tkun tqanqlet hija frivola jew vessatorja hija ta' ostakolu għal xi forma ta' appell minn dik is-sentenza għal quddiem din il-Qorti".*

21. Minn tali osservazzjoni, naturalment issegwi d-domanda:

*"Is the no appeal rule from the FH finding of mfov absolute?*

*In Abela vs Prim Ministru 1993, the CC left the door slightly ajar and said that the rules had to be respected and applied except in those extreme cases where it deems it to be correct, fitting and necessary and allow an appeal from a mfov decision of the FH…"*[2]

22. Fil-fatt fid-deċiżjoni fl-ismijiet ***Abela vs Prim Ministru***[3] ġie ritenut illi:

*"Din ir-regola tal-Kostituzzjoni tagħna għandha u trid tiġi rispettata, ħlief f'dawk il-każijiet estremi fejn din il-Qorti għalkemm ikun hemm deċiżjoni ta' frivolita u/jew vessatorja billi issa għandha l-kompitu li tara li fil-kamp tad-drittijiet naturali jew fundamentali, tiġi segwita l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani fejn jidhrilha sewwa, xieraq u neċessarju, tagħmel mod ieħor."*

23. Dawn l-insenjamenti kienu wkoll konfermati f'sentenzi riċenti minn din il-Qorti.[4]

---

[2] Ara Professur Ġ Mifsud Bonnici *"Constitutional Procedure relative to Fundamental Rights and Freedoms"*

[3] Ara **Abela vs Prim Ministru** deċiża fis-sena 1993 LXXVIII.I.90 kif riportata f'*"Constitutional Procedure relative to Fundamental Rights and Freedoms"*

[4] Ara *inter alia* **Jason Masini vs L-Avukat tal-Istat** deċiża nhar id-29 ta' April 2024 u **Peter Paul Cutajar vs Avukat Ġenerali et** deċiza nhar l-1 ta' Diċembru 2021.

24. Minn eżami akkurat tal-atti il-Qorti rriżultalha illi dan il-punt kien indirizzat mill-appellant fil-ħames u l-aħħar aggravju tiegħu, meta fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-kwistjoni kellha tkun il-kwistjoni ewlenija indirizzata mill-appellant fl-appell tiegħu. Rat illi permezz ta' dan l-aggravju, l-appellant jisħaq illi ma kinitx l-intenzjoni tiegħu illi jivvessa lil xi ħadd, għaliex il-proċeduri ma kinux ta' xi natura li tbeżżża', timmolesta jew inkella tiffrustra lil xi ħadd, sostna illi huwa jinsab ixxokkjat kif l-Ewwel Qorti sabet illi din il-kawża hija waħda frivola, meta huwa għamel żmien konsiderevoli tormentat mill-ħsieb li ma jafx meta ħa jkun jista' jara lil bintu.

25. Ingħad diversi drabi, li bil-kelma "frivola", ġie mill-Qrati mfisser illi kwistjoni ma tkun tal-ebda preġju jew siwi, u li ma jistħoqqilhiex attenzjoni. Bil-kelma "vessatorja" wieħed jifhem li l-kwistjoni tkun tqanqlet mingħajr raġunijiet tajbin biżżejjed u bil-ħsieb li ddejjaq u tirrita lill-parti l-oħra. Il-liġi żżid ukoll il-kwalifika li l-kwistjoni tkun "sempliċement" frivola u vessatorja, jiġifieri tkun mill-ewwel u mad-daqqa t'għajn tidher "vana, nieqsa mis-serjetà, manifestament nieqsa mis-sens u ma jistħoqqilhiex attenzjoni."[5]

26. Il-Qorti osservat ukoll illi fit-talba fir-rikors tal-appell odjern, l-appellant illimita ruħu li jitlob lil din il-Qorti *"tħassar, tirrevoka u tikkanċella is-sentenza appellata tas-26 ta' Settembru 2023 u ssib li l-attur kien*

[5] Ara Kost. 23.11.1990 fil-kawża fl-ismijiet **Mifsud et vs L-Avukat Ġenerali et** (Kollez. Vol: LXXIV.i.227) u Kost. 10.5.1995 fil-kawża fl-ismijiet **Ciantar et vs Il-Prim Ministru ta' Malta** (Kollez. Vol: LXXIX.i.126)

*imċaħħad mid-drittijiet fondamentali tiegħu protetti mill-artikoli 6 u 8 tal-konvenzjoni Ewropea u dan skont it-talbiet magħmulin minnu fir-rikors promotur quddiem l-Ewwel Qorti u li jingħata r-rimedji li huwa kien talab f'dak ir-rikors salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huwa xieraq u opportun"* – b'dana illi ma avvanza l-ebda talba speċifika sabiex din il-Qorti tikkunsidra tirrivedi d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' frivoliżità u vessatorjetà.

27. Fir-rikors ta' appell odjern kif diġà aċċennat sopra, din il-materja tpoġġiet fuq pjan sekondarju mill-appellant, u filfatt kienet trattata biss fl-aħħar aggravju minn ħamsa b'mod superfiċjali għall-aħħar. Lanqas ma ġie allegat xi forma ta' abbuż u lanqas ma nġabet a konjizzjoni ta' din il-Qorti xi raġuni jew ġustifikazzjoni gravi jew impellenti li possibbilment setgħu jimmotivaw lil din il-Qorti tbiddel id-divjet ta' appell li l-leġislatur ried li jkun hemm meta jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' frivolożità jew vessatorjetà kif aktar 'il fuq imsemmi mill-Ewwel Qorti.

28. Il-Qorti tqis illi l-Ewwel Qorti kienet espliċita meta affermat illi l-kawża intavolata mill-appellant hija waħda addirittura "**altament frivola <u>u</u> vessatorja."** Din il-Qorti tosserva wkoll illi apparti l-konkluzjoni finali dwar id-dikjarazzjoni tagħha li l-ilment miġjub quddiemha kien frivolu u vessatorju, il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti tul is-sentenza juru b'mod ċar u ma jħallu l-ebda dubju f'għajnejn din il-Qorti illi l-Ewwel Qorti kienet qed tqis l-ilment bħala wieħed frivolu u vessatorju

għar-raġunijiet minnha spjegati u jikkostitwixxu abbuż tal-proċess ġudizzjarju.

29. Din il-Qorti hija konvinta li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fil-każ odjern li t-talbiet tal-appellant kienu mhux biss frivoli iżda wkoll vessatorji għandha tiġi rispettata. Isegwi għalhekk li l-appell interpost huwa irritu u null in kwantu vjetat bis-subartikolu (5) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u bis-subartikolu analogu tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

***Decide***

Għall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-preġudizzjali sollevata mill-appellati u konsegwentement tiddikjara l-appell odjern bħala irritu u null, u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

Spejjeż ghall-appellant u billi l-appell hu wieħed frivolu l-appellant qed jiġi kundannat iħallas spejjeż addizzjonali ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500) skont paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kap. 12.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss